TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Candy u Joseph Azzopardi

vs

Digital Eye - Kevin Sciberras

CCT 118/19/MS

17 ta' Ġunju 2020

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fit-3 ta' Settembru 2019, fejn talbu lil dan it-Tribunal jikundanna lill-azjenda intimata u/ jew il-konvenut thallashom is-somma ta' €1,700, prezz ta' pakkett ta' servizzi fotografici imhallas mir-rikorrenti, liema servizz ma nghtatax fl-intier tieghu wara li l-konvenut ma onorax il-ftehim originali.

Ra r-risposta tal-konvenut Kevin Sciberras ipprezentat fit-3 ta' Dicembru 2019 fejn filwaqt illi kkontesta l-ammont allegatement imhallas mir-rikorrenti, kkonceda illi kien ghad hemm xoghol pendenti li kien lest li jwettaq wara li jithallas il-bilanc dovut.

Ra l-atti kollha tal-process.

Ra illi l-intima qatt ma deher biex jaghti ix-xhieda tieghu, anke meta l-kawza giet differita ghal gurnata ohra, fuq talba tieghu.

Ra illi fil-11 ta' Marzu 2020, il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu.

Ra illi ma kien hemm l-ebda ostakolu ghal prolazzjoni tas-sentenza.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi li r-rikorrenti pprestaw servizz ta' ritratti u *video* ghat-tieg taghhom minghand il-konvenut. Il-pakett shih kien jinkludi *pre-* u *post-wedding photography*, 20 x 16 *print* tal-ghazla taghhom, *photography and video service in HD* fil-gurnata tat-tieg, *personalised guest book, editing of digital Wedding Book, CD with images in High Resolution* u *3 HD DVDs*. (Ara Dok A). Dan kollu kellu jitlesta fi zmien xahrejn mit-tieg. It-tieg sar f' Mejju 2016. Dan il-pakkett kien jiswa €1700 (exc VAT) u depozitu

ta' hames mitt Euro gie imhallas mal-kuntratt. (ara *Wedding Form Booking* datat 11 ta' Jannar 2016).

Illi jidher illi originarjament il-pakkett shih kien jiswa €1,700 u dan anke skond ma xehed Joseph Azzopardi quddiem dan it-Tribunal. Sar depozitu ta' hamess mitt Euro mal-firma tal-kuntratt. Meta xehed quddiem it-Tribunal Joseph Azzopardi jghid illi ftit jiem qabel it-tieg ir-rikorrenti ddecidew illi xtaqu *drone footage* u ghal dan hallsu €450.00 iktar, li ghalih qatt ma nghataw ircevuta. Ghahekk b'kollox huma hallsu €2,150. Ir-rikorrent ighid li rcevew ir-ritratti tat-tieg u tal-*pre-wedding* izda mhux ir-ritratti tal-*post-wedding, digital album, video* u *drone footage*, u dan ghalkemm ir-rikorrenti kienu lahqu hallsu lill-intimat il-bilanc kollu. Minkejja diversi tentattivi biex jaghmlu kuntatt mal-intimat, dan qatt ma sehh u saru jafu illi l-hanut tieghu kien ghalaq u li nies ohra li kienu haddmu mieghu kellhom l-istess problema. Xehdet ukoll Candy Azzopardi li kkonfermat dak kollu li qal ir-ragel taghha.

Illi ghalkemm l-intimat ipprezenta risposta f'dawn il-proceduri, fejn ighid li ma jaqbilx mal-ammont li gie imhallas, qatt ma deher quddiem dan it-Tribunal biex jikkonferma r-risposta tieghu taht gurament u biex jaghti il-versjoni tieghu, ghalkemm inghata l-opportunita' kollha li jaghmel dan. Ghalhekk, it-Tribunal m'ghandux il-konfort ta' xiehda guramentata ohra li b'xi mod tikontradixxi dak li qeghdin ighidu r-rikorrenti.

Ikkunsidra

Ir-rikorrenti xehdu li huma hallsu €2,150: €1700 il-prezz originali li ghalih nghataw ircevuta fit-13 ta' Gunju 2016, u €450.00 ghal *drone footage* li ma kienx inkluz fil-pakkett originali u li ghalih ma nghatawx ircevuta. Mill-messaggi esebiti, jidher illi kien hemm qbil bejn il-partijiet illi r-rikorrenti kien ghad fadlilhom jiehdu il-video, ir-ritratti *post-wedding* u l-album. Fil-messaggi, l-konvenut qatt ma jichad dak li qeghdin ighidu r-rikorrenti, u cjoe' li kellhom jiehdu l-album, il-video u l-post-wedding photos. F'messaggi mibghut minnu, fit-28 ta Frar 2018 u fit-23 ta' Gunju 2018, l-intimat ighid hekk:

*K - Hi Candy good morning... just to make sure. You seen the album already yes.? We just need to finalise it so you collect.*

Yes, we need to meet to finalize and collect. We also need to collect post-weddiig photos and we need the video as well.

*K - OK Candy I am going to make sure I finalize everything by next week ... will give you a call to collect most probably end of next week. Sorry for this but I went through some rough times will sort this out soon*

*K - Candy, cannot talk right now.. sorry i had some family problems but please send me your wedding date so i try and prepare everything for you then next week we speak so we agree on a date for everything to be ready.*

Illi ghalhekk, ghalkemm l-intimat ma xehedx, it-Tribunal ghandu il-konfort ta' dawn il-messaggi li jikkorroboraw bi shih dak li qeghdin ighidu ir-rikorrenti u ghalhekk m'ghandu l-ebda raguni ghaliex jiddubita minn dak illi xehdu r-rikorrenti bil-gurament taghhom. It-Tribunal jissimpatizza mas-sitwazzjoni tar-rikorrenti illi minhabba n-negligenza u n-nuqqas ta' professjonalita tal-konvenut, m'ghandhomx rikordju tal-aktar gurnata importanti f'hajjithom. Ta' dan hadd u xejn ma jista' jikkumpenshom u t-talba taghhom hija ragonevoli ferm fic-cirkostanzi.

Ikkunsidra

---

Illi ghalkemm ir-rikorrenti hallsu €2,150 (1700 + €450), huma qeghdin jitolbu s-somma ta' €,1700, ghaliex tajjeb jew hazin, huma hadu xi affarijiet u cjoe' ir-ritratti tat-tieg u tal-*pre-wedding* u l-*guest book*. Pero' ma hadux il-*post wedding photography, digital album* u l-video (*including drone footage*). t-Tribunal ghalhekk ihoss illi ghandu jilqa' t-talba tar-rikorrenti fl-intier taghha.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikundanna lill-azjenda intimata/ intimat solidament ihallsu s-somma ta' elf u seba' mitt Euro (€1,700). Bl-ispejjes kontra l-istess azjenda intimata/ intimat.

Avv. Michela Spiteri
Arbitru